MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 54/2012

**Alfred Joseph Baldacchino**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li r-rikorrenti pprezenta fit-12 ta’ Lulju 2012 u li jaqra hekk:

Illi l-esponenti kien ipprezenta citazzjoni fl-ismijiet *Alfred Joseph Baldacchino fil-kwalita’ tieghu bhala Gran Mastru ta’ l-Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri [ID. 460737(M)] vs Carmel Sandro Calleja [ID. 620430(M)] u David Formosa*

*[ID. 437443(M)]* (Citazz. 482/05) fejn kien ippremetta s-segwenti:

Peress illi l-attur ilu li gie mahtur Gran Mastru *ad vitam* tal-Ordni *Ordno Byzantinus Sancti Sepulchri* sa mill-5 ta' Dicembru 1986 u dan kif jirrizulta mill-anness dokument A anness mal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005 li huwa kopja awtentikata tal-original liema original jinsab depozitat fl-atti tan-Nutar Dr. Domenico Giuliani f'Ruma fil-5 ta' Dicembru 1986. Din il-hatra, flimkien ma' hatriet u koncessjonijiet ohra maghmula favur l-istess attur, gew kollha ratifikati u kkonfermati fis-6 ta' Awwissu 2000 u sussegwentement depozitati fl-atti tan-Nutar Dr. Proc. Alessandro Mattiangeli f'Ruma fil-5 ta' Ottubru 2000 (Dok. B anness mal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005). F'dawn id-dokumenti jirrizulta illi l-attur gie mahtur Gran Mastru mill-mejjet Dimitri Dimitrevich di Russia. Din il-persuna kienet tokkupa il-kariga precedentement u li skont l-istatut tal-istess Ordni kien vestit bil-poteri li jahtar successur tieghu. Anness mal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005 gie esebit ukoll ghal kull buon fini kopja tal-istatut, flimkien mal-profil tal-Ordni annessa bhala Dok. C.

Peress illi l-imsemmi Dimitri Dimitrevich di Russia fil-fatt kien Granduka u kap tad-dinastija Russa Rjurik.

Peress illi attwalment l-Ordni de quo giet inkorporata fid-dinastija Rjurik fl-1669 kif jirrizulta minn profil storiku guridiku anness mal-istatut.

Peress illi fil-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005, l-attur esebixxa wkoll certifikat tat-twelid immarkat Dok. D1 li fih jinkorpora zewg annotamenti li jirreferu ghal zewg digrieti tal-Qorti tal-minuri ta' Foggia, l-Italja (Dok. D2 u Dok. D3 fl-istess mandat) li juru li missier Dimitri Dimitrevich di Russia kien it-tifel tal-Granduka Basilio tar-Russia.

Peress illi l-konvenuti, b'mod abbuziv u llegali, qeghdin falsament jipprestaw lilhom infushom, l-intimat Calleja bhala Vigarju Gran Mastru tal-Ordni de quo, u l-konvenut Formosa bhala Gran Kancillier tal-istess Ordni, juzaw

‘letterheads’ bl-istess emblema u isem tal-Ordni u jorganizzaw laqghat hawn Malta.

Peress illi l-konvenuti fil-vesti fuq indikati organizzaw diversi cerimonji ta’ investitura, kif anke ammetta l-konvenut Formosa fir-risposta tieghu ghall-mandat ta’ inibizzjoni msemmi.

Peress illi b’konsegwenza ta’ dan. L-attur talab il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni (numru 475/2005) fl-istess ismijiet liema mandat gie milqugh fit-18 ta’ Mejju 2005.

Illi l-esponent kien talab lil dik il-Qorti:

i) Tiddikjara illi meta l-konvenuti pprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament tal-Ordni *Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri*, huma ghamlu hekk illegalement u abbuzivament stante li m’humiex awtorizzati u dan prevja kull dikjarazzjoni li jidhrilha opportun din l-Onorabbli Qorti,

ii) Tordna lill-konvenuti sabiex jiddesistu milli jipprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament tal-Ordni *Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri*, u sabiex jiddesistu milli jagixxu f’isem l-istess Ordni.

iii) Tikkonferma l-effetti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 475/2005 fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 475/2005 u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Illi l-konvenuti eccepew is-segwenti:

Illi l-konvenut David Formosa eccepixxa:

1. Illi l-preamboli fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni kif ukoll id-domandi attrici huma inveritieri u m’humiex legalment sostenibbli, kif jigi ppruvat bid-dokumenti li qeghdin fil-pussess ta’ Carmel Sandro Calleja, li kien urihom mill-bidu nett lill-eccipjent u li ghandu jesebihom fil-mori tal-kawza;

2. Illi l-eccipjent ghal diversi snin, agixxa fuq l-iskorta ta' dawk id-dokumenti, u f'dan il-perjodu saru diversi laqghat u cerimonji ta' investitura, u l-attur qatt ma oppona jew ipprotesta, jew ha xi azzjoni gudizzjarja, hlief dik recenti ta' mandat;

3. Minghajr pregudizzju, illi conseguenziali ghall-hrug tal-imsemmi mandat, l-eccipjenti attjena ruhu mad-direttivi li tat din il-Qorti, kif diga' giet informata bir-risposta tal-21 ta' Marzu 2005;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi l-konvenut Carmel Sandro Calleja eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tal-kawza odjerna, u dunque l-konvenut ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-preamboli fic-citazzjoni u t-talbiet attrici kif ukoll id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, huma inveritieri u m'humiex legalment sostenibbli, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

3. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent ilu jagixxi korrettament ghal diversi snin, fil-kariga ta' Vigarju Gran Mastro u Reggent tal-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri, a bazi ta' numru ta' dokumenti, inkluz dokument datat 29 ta' Lulju 2000 mahrug mill-Principe Alto Patrono, Dimitrij di Russia personalment u indirizzat lill-eccipjent "con il nostro ultimo desiderio prima di nostra morte" (Dok. CSC 2A);

4. Illi l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 475/2005 fl-ismijiet premessi, ga gie indirizzat b'mod car, u l-effetti tieghu m'ghandhomx tkunu kkonfermati.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari ta’ Carmel Sandro Calleja fejn eccepixxa n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qorti.

Illi b’sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta’ April 2008, l-eccezzjoni preliminari giet milqugha. Dik il-Qorti tenniet illi hija ma setghetx tiehu konjizzjoni tal-kawza ghaliex jekk taghmel hekk tkun qed taghti rikonoxximent lill-*Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri* u b’hekk tkun qed tmur kontra d-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Gieh ir-Repubblika (Att. 251).

Illi l-esponent intavola appell minn din is-sentenza pero’ il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza fit-28 ta’ Gunju 2012.

Illi ghalhekk, l-esponent issa gie mqieghed f’sitwazzjoni fejn huwa ghandu pretenzjoni u ma jistax jadixxi lil ebda Qorti sabiex jottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja fuq tali pretenzjoni. Huwa jippretendi li ghandu d-dritt imexxi din l-ghaqda hekk imsejha *Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri* u dan ai fini u effetti biss tal-istess statut tal-organizzazzjoni minnu mmexxija, mentri l-intimati Calleja u Formosa wkoll qed jippretendu li tmiss lilhom it-tmexxija tal-istess ghaqda.

Illi pero’, bil-proceduri msemmija, l-esponent ma ppretendiex li jkollu l-kariga u t-titolu tieghu rikonoxxuti mill-istat. L-Ordni fuq imsemmija bhal kwalsiasi assoccjazzjoni ohra ghandha wkoll l-istatut u r-regolamenti taghha u, diment li din m’hijiex qed tagixxi lil hinn mill-ordni pubbliku, ghandha d-dritt bhal kwalsiasi socjeta’ ohra li tissussisti u li tgawdi mill-protezzjoni tal-ligi. Bid-dikjarazzjoni tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell illi l-Qrati Civili m’ghandhomx gurisdizzjoni, l-esponent m’ghandux forum fejn din id-divergenza tista’ tigi indirizzata.

Illi huwa accettat fil-ligi u l-gurisprudenza kemm dik tal-Qrati taghna u kif ukoll f’dik tal-Qorti Ewropea, illi d-dritt ta’ smiegh xieraq jinkludi wkoll access ghall-Qrati u dan kif stabbilit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-

Drittijiet tal-Bniedem u anke l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

Illi in oltre d-dritt ta' access ghall-Qorti japplika addirittura fl-istadju tal-mandati kawtelatorji u mhux biss fl-istadju tal-kawza fil-mertu. In effetti dan il-principju gie elaborat f'sentenzi bhas-sentenza fl-ismijiet *MICALLEF v. MALTA (Application no. 17056/06)* deciza fil-15 ta' Ottubru 2009.

Illi f'din il-kawza intqal hekk:

"On the basis of the material available to the Court in respect of the legislation of a relevant number of Member States of the Council of Europe, it apperas that there is widespread consensus on the applicability of Article 6 safeguards to interim measures, including injunction proceedings. This conclusion is inferred from constitutional texts, codes of civil procedure and domestic case-law. In the majority of States (Albania, Austria, Azerbaijan, Belgium, Bulgaria, Croatia, Cyprus, Estonia, France, Germany, Hungary, Ireland, Italy, The Netherlands, Poland, Russia, San Marino, Serbia, Spain, Sweden, Switzerland and The United Kingdom) legislation suggests that Article 6 procedural safeguards (particularly the impartiality requirement) apply to interim and injunction proceedings either because the legislation makes no distinction as to the stage or type of proceedings to which the safeguards apply (such as the Constitutions of Spain, Italy, Greece and Switzerland), or because specific provisions governing interim measures reflect in some way the main safeguards embedded in Article 6 – as for example, legislation which specifies that provisions governing proceedings on the merits apply mutatis mutandis to injunction proceedings (such as Poland), or will do so, unless otherwise stipulated (such as Germany)."
...

"The exclusion of interim measures from the ambit of Article 6 has so far been justified by the fact that they do not in principle determine civil rights and obligations. However, in circumstances where many Contracting

States face considerable backlogs in their overburdened justice systems leading to excessively long proceedings, a judge's decision on an injunction will often be tantamount to a decision on the merits of the claim for a substantial period of time, even permanently in exceptional cases. It follows that, frequently, interim and main proceedings decide the same "civil rights or obligations" and have the same resulting long lasting or permanent effects.

80. Against this background the Court no longer finds it justified to automatically characterise injunction proceedings as not determinative of civil rights or obligations. Nor is it convinced that a defect in such proceedings would necessarily be remedied at a later stage, namely, in proceedings on the merits governed by Article 6 since any prejudice suffered in the meantime may by then have become irreversible and with little realistic opportunity to redress the damage caused, except perhaps for the possibility of pecuniary compensation.

81. The Court thus considers that, for the above reasons, a change in the case-law is necessary."

Illi in oltre ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet *Michael Scicluna vs Suprintendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita' dwar il-Licenzjar u l-istess Awtorita' dwar Licenzjar* deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef J. R. Micallef fit-28 ta' Lulju, 2011 (Citazzjoni Numru 668/2010). F'din is-sentenza l-Qrati taghna rritenew illi huma dejjem ghandhom il-poter jissindikaw il-legalita' ta' decizjonijiet amministrattivi. Fil-fatt, il-Qorti qalet is-segwenti:

"Bil-kliem taghhom, il-Qorti nghatat x'tifhem li l-imharrek jista' jqis ruhu 'l fuq mil-ligi jew li wahdu jaf ifissirha, jew li, f'kaz li se johrog li l-attur ghandu ragun, hemm dejjem il-possibilita' li dak li tordna Qorti jista' jhassru l-imharrek b'daqqa ta' pinna. L-awtorita' pubblika – sewwasew ghaliex hija awtorita' li trid thares l-interess pubbliku – ma jixirqilhiex tpingi lilha nnifisha bhallikieku ma jmisshiex toqghod ghall-iskrutinju tal-Qrati."

Talab l-esponent jghid sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tiddikjara illi l-interpretazzjoni li taw il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet *Alfred Joseph Baldacchino fil-kwalita' tieghu bhala Gran Mastru tal-Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri [ID. 460737(M)] vs Carmel Sandro Calleja [ID. 620430(M)] u David Formosa [ID. 437443(M)]* (Citazz. 482/05), hija inkompatibbli mad-dispost tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni;

(ii) Konsegwentement, tiddikjara illi l-Qrati taghna ghandhom il-gurisdizzjoni jikkonsidraw il-mertu fil-kawza *Alfred Joseph Baldacchino fil-kwalita' tieghu bhala Gran Mastru tal-Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri [ID. 460737(M)] vs Carmel Sandro Calleja [ID. 620430(M)] u David Formosa [ID. 437443(M)]* (Citazz. 482/05);

(iii) Taghtih dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa ghat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fondamentali fuq imsemmija; u

(iv) Finalment taghti provvediment *ad interim* b'mod urgenti fis-sens illi kif diga' provdut fil-mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet (numru 475/2005) l-intimati Calleja u Formosa m'ghandhomx izommu kwalsiasi cerimonja ta' investitura ta' kavallieri godda jew xorta ohra fl-Ordni Kavalleresk *Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri*.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta li ressaq l-intimat u li in forza taghha eccepixxa illi:

Fl-ewwel lok u in linea preliminari, il-lanjanzi tar-rikorrent ma jaqgħux taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għax ma humiex dwar id-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili. Kif tgħallem il-ġurisprudenża tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:

'*As to whether there was a "dispute" (contestation) over "civil rights and obligations", the Court reiterates its settled case-law on this point: "For Article 6 § 1 under its 'civil' head to be applicable, there must be a 'dispute' (contestation in the French text)* ***over a 'right' which can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law****. The 'dispute' must be genuine and serious; it may relate not only to the actual existence of a right but also to its scope and the manner of its exercise. The outcome of the proceedings must be directly decisive for the right in question, mere tenuous connections or remote consequences not being sufficient to bring Article 6 § 1 into play. Finally,* ***the right must be civil in character****" (see, among other authorities, Sporrong and Lönnroth v. Sweden, judgment of 23 September 1982, Series A no. 52, p. 30, § 81; Masson and Van Zon v. the Netherlands, judgment of 28 September 1995, Series A no. 327-A, p. 17, § 44; and Fayed v. the United Kingdom, judgment of 21 September 1994, Series A no. 294-B, pp. 45-46, § 56)*' (enfasi tal-esponent)

Huwa manifest li dawn l-elementi ma jissustixxux fil-proċeduri odjerni;

Dejjem in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu fir-rikors in risposta ir-rikorrent qiegħed jilmenta illi huwa '*ma ppretendiex li jkollu l-kariga u t-titolu tiegħu rikonoxxut mill-Istat. L-Ordni fuq imsemmija bħal kwalsijasi assoċjazzjoni oħra għandha wkoll l-istatut u r-regolamenti tagħha u, dment li din mhix qed taġixxi lil hinn mill-ordni pubbliku, għandha d-dritt bħal kwalsijasi soċjetà oħra li tissussisti u tgawdi mill-protezzjoni tal-liġi*' nonostante illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell diġà ddeċidiet li '*l-kwistjoni hawnhekk m'hijiex sempliċement waħda dwar l-istatut tal-Ordni u kif qed jitmexxa iżda hija kwistjoni dwar min għandu t-titolu ta' Gran Mastru, ta' Vigarju Gran Mastru/Reġġent u Kanċillier*', din il-proċedura hi waħda abużiva u frivola u vessatorja għaliex il-proċedura kostituzzjonali m'għandha qatt tintuża bħala '*terzo appello*' minn deċiżjoni purament ċivili li hija ormaj *res judicata*;

Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegat ksur tal-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) huwa infondat fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

L-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif elenkati fir-rikors promutur u għalhekk ikun opportun li jiġu allegati l-atti tal-kawża bin-numru 482/2005 fl-ismijiet ***Alfred Joseph Baldacchino fil-kwalità tiegħu bħala Gran Mastru tal-Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri vs Carmel Sandro Calleja u David Formosa*** kif ukoll l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005 fl-istess ismijiet;

Mid-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell numru 482/2005 fl-ismijiet Alfred Joseph Baldacchino fil-kwalità tiegħu bħala Gran Mastru tal-Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri vs Carmel Sandro Calleja u David Formosa jirriżulta li dik l-Onorabbli Qorti ċaħdet l-appell interpost mill-appellant illum rikorrent, u kkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fis-sens illi a tenur tal-artikoli 28 u 29 tal-Kap. 251 tal-Liġijiet ta' Malta, hija m'għandhiex ġurisdizzjoni tiddeċiedi dwar il-mertu ta' dik il-vertenza. Bir-rispett kollu, dan ma jammonta għall-ebda leżjoni għad-dritt ta' smiegħ xieraq u l-esponent jirrespinġi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti f' dan is-sens;

Inoltre, kull allegazzjoni da parti tar-rikorrent li ġie leż id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq fil-proċeduri tal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005 fl-istess ismijiet hija legalment u fattwalment infondata;

Di piú, iċ-ċirkostanzi fil-każ fl-ismijiet '*Micallef vs Malta'* deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-15 ta' Ottubru 2009, li ġiet kkwotata mir-rikorrent, huma ben diversi minn dawk odjerni. Effettivament, ma hemm xejn fid-deċiżjoni ta' '***Micallef vs Malta***' li jista' jimplika li l-Istat irid neċessarjament jipprovdi għal xi mandat ta' inibizzjoni bħal dak rikjest partikolari. Kif tajjeb osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tat-30 ta' Awissu 2011 fl-ismijiet

'***Tarcisio Borg vs Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***', '*Dak li ddeċidiet il-Qorti Ewropeja f'dak il-każ hu li f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tipprevedi t-teħid ta' miżuri interlokutorji bħal mandat ta' inibizzjoni, u jekk dik il-miżura interlokutorja tista' titqies deċiżiva ta' dritt ċivili ta' persuna, allura jkun applikabbli għaliha l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*' Iżda minn dan hawnhekk ma hawn xejn u kull allegata leżjoni hija insostenibbli fiċ-ċirkostanzi odjerni;

Ir-rikorrent għamel referenza ukoll għad-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Ċivili Prim' Awla, fl-ismijiet '***Michael Scicluna vs Supretendent tas-Saħħa Pubblika bħala Awtorità dwar il-Liċenzjar***' liema deċiżjoni għada pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Bir-rispett dovut, din id-deċiżjoni tiffeferi għal liġi speċjali u ċirkostanzi partikolari li jirrigwardaw il-liċenzjar ta' spiżerija u m'għandhom l-ebda applikazzjoni fil-każ *de quo*, speċjalment in vista tal-fatt li mill-fatti kif esposti mir-rikorrent minn imkien ma jirriżulta li ttieħdet xi deċiżjoni minn xi awtorità pubblika li allegatament trid toqgħod għall-iskrutinju tal-Qorti f'dan il-każ. Jiġi enfasizzat ukoll li l-imsemmija deċiżjoni tirrigwarda vertenza purament ċivili u ma kien hemm l-ebda kwistjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali o meno;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponent, bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Baldacchino noe v Calleja et" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Gunju 2012, kif ukoll l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/05 fl-istess ismijiet li taw lok ghal din il-procedura;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti jallega li huwa gie mahtur Gran Mastru ghal tul hajtu tal-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri u li hemm persuni ohra li qed jippretendu li jokkupaw karigi gholja f'din l-istess Ordni. Ir-rikorrenti jallega li dan qed isir b'mod abbuziv u fetah proceduri civili sabiex izomm lil dawk il-persuni l-ohra milli jkomplu jagixxu bhala ufficjali tal-Ordni. Dawk il-proceduri gew imwarrba peress li gie deciz, mill-qrati ordinarja taghna, li l-qrati civili ma ghandhomx gurisdizzjoni jidhlu f'kwistjonijiet ta' titoli ta' nobilta' jew ta' xi Ordni bhal din, u dan bis-sahha tal-artikolu 29(4) tal-Att dwar Gieh ir-Repubblika (Kap. 251 tal-Ligijiet ta' Malta). Issa l-istess rikorrenti qed jallega li dan jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu garantiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, u dan peress li, skont hu gie mcahhad mid-dritt ta' access ghall-qorti.

Biex rikorrent isostni dak li qed jallega irid juri li hu munit bi dritt civili li jimmerita li jkun kawtelat. F'kaz ta' titoli ta' nobilita' jew marbuta ma' Ordni bhal dik meritu ta' dan il-kaz, l-istat Malti ha decizjoni politika li Malta tkun Repubblika, u li, kwindi, titoli ta' nobbilita' (li huma derivanti minn monarkija) ma jkunux rikonoxxuti ufficcjalment f'Malta. Ir-rikorrent ma jistax, allura, jippretendi xi haga li l-istat, bhala principju, ma jirrikonoxxix. Ir-rikorrenti ma jistax jippretendi bhala dritt civili, dak li l-ligi ma taghtihx. Kif jinghad minn van Dijk and van Hoof, "*Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*" (Third Edition, pagna 394).

"*Although for the determination of whether a right or obligation is at stake the domestic legal system concerned has to be taken as a starting point, the Strasbourg case-law has made it clear that, as part of the provision of the Convention, the words 'rights and obligations' have an autonomous meaning. Thus, the Commission held in the Kaplan Case:*

*These concepts [rights and obligations] are in themselves autonomous to some degree. Thus it is not decisive that a given privilege or interest which exists in a domestic legal system is not classified or described as a 'right' by that system. However, in deciding whether it is a 'right' for the purpose of Article 6(1), account must be taken of its 'substantive content and effects', the object and purpose of the Convention and the national legal systems of other Contracting States.*

*If, according to this line of interpretation, a certain claim is considered to be a 'right', the Court's case-law requires for the applicability of Article 6 that this right 'can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law'. The words 'on arguable grounds' leave the Commission and Court sufficient ground to make an assessment independently of the arguments advanced by the defendant State on the issue. And the fact that the claim concerned was addressed as an issue in national proceedings constitutes sufficient ground for the 'arguability' of the existence of a right. On the other hand, if domestic law expressly excludes the claim concerned, the Court takes the position that 'to this extent' there can be no arguable right which would make Article 6 applicable"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Inoltre, titolu marbut ma' Ordni ut sic ma jistax jitqies bhala "possediment" ghall-fini tal-Konvenzjoni Ewropea. Wiehed ma jridx jinsa li l-Gvern, bl-Att dwar Gieh ir-Repubblika, la nehha dawk it-titoli u, aktar importanti, lanqas ma zvesta lill-pretiz nobbli mill-proprjeta' annessa ma' dak it-titolu (artikolu 28(2) tal-Kap. 251). Kwindi, kif jinghad fil-ktieb imsemmi ta' van Dijk and van Hoof, (ibid pagna 620), "*The basic point of departure appears to be the economic value of the right or interest: where State measures do no affect this economic value, no responsibility under Article 1 is engaged*".

Fil-fatt, il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza "Pilar de la Cierva Osorio de Moscoso et vs Spain", deciza fit-28 ta' Ottubru, 1999, kienet osservat b'mod car li "*a nobility title cannot, as such, be regarded as amounting*

*to a 'possession' within the meaning of that provision*", cioe', l-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni.

Punt simili gia' gie diskuss u deciz hawn Malta mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz "Bugeja Viani vs Avukat Generali", deciz fl-20 ta' Frar, 2009, u intqal li l-ilment bhal dak meritu ta' din il-kawza mhux tutelabbli bhala dritt fondamentali. Dik il-Qorti osservat illi:

"***8.*** *In-non-rikonoxximent ta' tali titolu – u dejjem salv dak li jipprovdi l-Artikolu 28(2) imsemmi – igib ukoll bhala konsegwenza li l-Artikoli 6(1) u 13 tal-Konvenzjoni ma humiex applikabbli – ara, a propozitu d-decizjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet* ***Wolff Metternich v. Netherlands*** *(18 ta' Mejju 1999) u* ***Bernadotte v. Sweden*** *(3 ta' Gunju 2004). F'din l-ahhar sentenza in partikolari jinghad hekk:*

*"The applicant complained that it was not possible for him under Swedish law to challenge the current King's refusal to restore his title of prince. This entailed a violation of his right to a fair hearing before an independent and impartial tribunal under Article 6 of the Convention. In the alternative, he submitted, this state of affairs amounted to a violation of his right to an effective remedy as guaranteed by Article 13. In addition, the applicant alleged that the manner in which his case had been handled amounted to discrimination on grounds of "birth or other status", in breach of Article 14 taken together with Articles 6, 8 and 13."*

*"The Government invited the Court to declare inadmissible the complaints under Articles 6 and 13, as being incompatible rationae materiae, as well as the complaint under Article 14."*

*"The Court, for its part, bearing in mind its findings above with respect to Article 8, considers that the dispute in question did not concern a "right" that could arguably be said to be recognised under domestic law or an arguable claim of violation of the Convention. Articles 6 and 13 too were therefore inapplicable and so was Article 14".*"

Ghaldaqstant, ghar-ragunjiiet premessi, tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------